MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-21 ta' Frar, 2008

Numru. 212/2003

PULIZIJA
SPETTUR CHRIS PULLICINO
VS
IVAN FENECH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ivan Fenech, ta' 30 sena, bin Salvu u Carmen nee' Bellizzi, imwieled Pieta' nhar is-26 t'Awissu 1972, u residenti Belfen, Triq id-Dawr, Mosta, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 368872(M); u akkuzat:

1. talli nhar it-23 ta' Frar 2003, f'Hal Lija, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom compact disks minn vettura ta' ghamla Honda Civic, numru tar-registrazzjoni BBI 525, liema serq huwa kkwalifikat bin-natura ta' l-oggett misruq, u sar ghad-detriment ta' Christopher Parnis;
2. u aktar talli nhar il-25 ta' Jannar 2003, f'San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom

cwievet u dokumenti minn vettura ta' l-ghamla Isuzu Wizard, numru ta' registrazzjoin WIZ 100, liema serq huwa kkwalifikat bin-natura ta' l-oggett misruq, u sar ghad-detriment ta' Edwin Borg;
3. u aktar talli minn garage sitwat fi Triq Pierre Muscat, fir-Rabat, Malta, f'xi hin matul il-lejl bejn l-24 u l-25 ta' Frar 2003, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom ghodod, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li jeccedi l-mitt Lira Maltin (Lm100), u ma jaqbizx l-elf Lira Maltin (Lm1000), u sar ghad-dannu ta' Ignazio Lima;
4. u aktar talli nhar il-25 ta' Frar 2003, u fil-gimghat ta' qabel din id-data, xjentement b'kull mod li jkun, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
5. u aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
6. u fl-ahharnett ukoll talli kkommetta diversi reati/delitti li ghalihom hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, liema sentenza hija definittiva u datata 4 ta' Settembru 2001.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol 9), u ta' l-imputat (a fol 7), sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghar-rigward ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza.

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-imputat tas-26 ta’ Gunju 2007.

Ikkunsidrat:-

Illi l-imputat ammetta ghall-ewwel tliet akkuzi ta’ serq. Illi r-raba’ akkuza hija akkuza alternattiva ghal l-ewwel akkuza, sikkome tirrigwardja ricettazzjoni ta’ oggetti msemmija fl-ewwel akkuza. Il-hames akkuza hija akkuza ta’ ricediva, waqt illi s-sitt akkuza hija talba mill-Prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti tirrendi operattiv sentenza sospiza ta’ l-4 ta’ Settembru 2001.

Din il-Qorti, in vista ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputat fuq l-ewwel tliet akkuzi, u fid-dawl tal-fatt illi r-raba’ akkuza hija sussidjarja ghal l-ewwel akkuza, ser tikkoncentra fuq il-hames u s-sitt akkuza.

Illi ghar-rigward tal-hames akkuza, u cioe’, l-akkuza ta’ ricediva, din il-Qorti, bla ezitazzjoni ta’ xejn, taghraf illi l-Prosekuzzjoni lahqet il-livell probatorju rikjest mill-ligi sabiex tipprova din l-akkuza minghajr dubju dettat mir-raguni, mhux biss ghaliex giet esebita l-fedina penali ta’ ghaxar faccati ta’ l-imputat, izda ghaliex gew esebiti diversi sentenzi ta’ l-imputat (ara dokument PC a fol 40; dokument PC1 a fol 46; dokument CP1 a fol 56; is-sentenza esebita a fol 68; dokument CP3 a fol 70; u dokument CP4 a fol 74), kif ukoll bix-xhieda ta’ identita’ ta’ l-Ispettur Paul Camilleri (ara xhieda a fol 38); ix-xhieda ta’ l-identita’ ta’ Supretendent Joseph Valletta (ara fol 127); u x-xhieda ta’ identita’ tas-Supretendent Neville Aquilina (ara fol 129).

Ghaldaqstant, il-Qorti jidhrilha illi l-akkuza ta’ ricediva kontra l-imputat tissussisti, izda jrid jinghad illi fis-sentenza tat-18 ta’ Lulju 2005, l-imputat kien diga’ nstab hati ta’ ricediva fuq is-sentenzi kollha li gew esebiti fil-kawza odjerna.

L-istess pero’ ma jistax jinghad fil-konfront tas-sitt akkuza, u cioe’, it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tirrendi operattiva sentenza sospiza u cioe’ dik datata 4 ta’

Settembru 2001, f'liema sentenza sospiza, l-imputat inghata sena u nofs prigunerija sospiza ghal erba' snin.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tad-Difiza, u mill-atti tas-sentenza fuq indikata li gew annessi ma' l-atti ta' din il-kawza, jirrizulta b'mod ampju illi l-imputat kien gie akkuzat b'reati datati 8 u 9 ta' Lulju 2002, u nstab hati tar-ricediva, kif ukoll talli kkommetta delitt f'perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati, u dan fit-18 ta' Lulju 2005.

Illi fis-sentenza tat-18 ta' Lulju 2005 (ara atti a fol 294 tal-process), il-Qorti tal-Magistrati kif diversament preseduta, kienet sabitu hati ta' l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu, pero' lliberatu b'kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin, u li jibqa' jattendi l-Agenzija Sedqa.

Illi kif inhu risaput, ksur ta' sentenza sospiza tippresupponi piena karcerarja li tigi reza operattiva, oppure estensjoni tal-perjodu ta' sospensjoni ta' l-istess sentenza. Fis-sentenza fuq indikata, l-imputat ma nghata l-ebda wahda minn dawn il-pieni, pero' l-Prosekuzzjoni naqset milli tintavola appell u accettat dik is-sentenza, liema sentenza llum ma tistax tigi mibdula.

Din il-Qorti, ghaldaqstant, ma tistax hi llum tirrendi tali sentenza sospiza, operattiva, ghaliex l-imputat diga' gie sentenzjat fuq dan, kif jidher mill-atti ta' dawk il-proceduri hawn annessi (ara fol 192-295, b'mod specjali s-sentenza a fol 285-289 esebita f'dawk l-atti), altrimenti apparti illi jkun hemm ksur tad-'double jeopardy rule', il-Qorti tkun qed tuzurpwixxi funzjoni ta' Qorti ta' l-Appell, meta appell qatt ma gie ntavolat.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames akkuza, tilliberah mir-raba' akkuza stante li hija alternattiva ghall-ewwel akkuza, mhux hati tas-sitt akkuza li minnha tilliberah ghal ragunijiet fuq elenkati, u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264, 267, 270, 271, 279, 280, 49, 28A u 28G, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7(a)(b)(c) tal-Kap 446, tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tliet snin. In oltre tqieghdu

taht ‘supervision suspended order’ ghal perjodu ta’ tliet snin, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. In oltre, tqieghdu taht ‘treatment order’ fl-Istituti addetti mas-Sedqa ghal perjodu ta’ tliet snin, u dan sabiex l-imputat jibqa’ jzomm kuntatt u jattendi ‘out patients sessions’ ma’ l-istess istituzzjoni ghall-perjodu msemmi.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi fil-mori ta’ dawn il-proceduri, l-imputat beda u kkompleta sal-finalita’ tieghu program ta’ rijabilitazzjoni kontra d-droga, u llum il-gurnata, qieghed jahdem, ghandu familja, dahal f’’mortgage’ fuq id-dar residenzjali tieghu, u jidher mir-rapporti tajbin li kiseb minghand id-Direttur tal-program, illi saret bidla radikali f’hajtu.

Din il-Qorti ma kkonfortatx ruhha b’semplicement dikjarazzjoni ta’ l-imputat li beda program ta’ rijabilitazzjoni ta’ droga, ftit qabel ma’ tinghata sentenza, izda segwiet u baqghet issegwi lill-imputat sakemm accertat ruhha illi l-bidla ma kinitx wahda kosmetika izda kienet rijabilitazzjoni reali u li tat il-frott mistenni.

Il-Qorti tordna komunika ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Probation Services u lid-Direttur tas-Sedqa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------